TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Maria Carmela sive Marlene Schembri**

**Vs**

**Josephine Grixti - La Gatta Boutique**

CCT 141/23/CC

Illum 6 ta' Frar, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrenti ipprezentata fid-9 ta' Awissu 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €480 (erba' mija u tmenin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal akkwist ta' libsa eleganti, liema libsa intuzat ghal okkazzjoni specjali tat-tieg ta' binha.

Ra li l-intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentatx risposta, izda deheret ghas-seduta skedata ghal provi tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti u lil intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti xtrat libsa eleganti ghal okkazzjoni tat-tieg ta' binha minghand l-intimata, li tiggestixxi l-hanut bl-isem ta' 'La Gatta'. Din il-libsa kienet tiswa' €500 (hames mitt ewro) liema ammont gie skontat ghal €480 (erba' mija u tmenin ewro). Gara li waqt l-okkazzjoni specjali tar-rikorrenti, minn din il-libsa waqghu il-*glitters* li kienu mal-komma, u sussegwentement ir-rikorrenti marret fl-istabbiliment ta' l-intimata sabiex tilmenta rigward dan l-akkadut.

Illi da parti taghha l-intimata pprovdiet soluzzjoni ghal dan, u offriet li jsiru l-alterazzjonijiet mehtiega fuq il-kmiem tal-libsa gratuitament, u minghajr hlas ghar-rikorrenti. Wara xi trapass ta' zmien, ir-rikorrenti marret ghal libsa taghha,

u in segwitu li hija gabret il-libsa minghand l-intimata, hija ressqet l-ilment taghha, mertu ta' dawn il-proceduri.

Ir-rikorrenti tispjega li permezz ta' din il-procedura, hija qed titlob rifuzjoni ta'l-ammont ta' €480 (erba' mija u tmenin ewro) imhallas minnha, u hija tirritorna l-libsa lil intimata.

L-intimata da parti taghha tissotometti li hija ma taqbilx li ghandha tirrifondi l-ammont imhallas mir-rikorrenti lura, u dan peress li meta r-rikorrenti harget mill-hanut wara li saru l-alterazzjonijiet fuq il-libsa, il-klijenta kienet sodisfatta, u l-intimata hija prekluza li tkun taf x'setghet ghamlet ir-rikorrenti bil-libsa wara dakinhar.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u l-intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2023, u ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pprezentata kemm mir-rikorrenti, kif ukoll mill-intimata, huwa tal-fehma li t-talba avvanzata mir-rikorrenti ghandha tigi milqugha limitatament.

Illi jirrizulta li meta r-rikorrenti avvicinat lil intimata, hija pprovdiet soluzzjoni lir-rikorrenti, u ghamlet dal kollu possibili sabiex takkomoda lir-rikorrenti, minghajr hlas addizzjonali ghar-rikorrenti. Madankollu, r-rikorrenti wara li hija gabret il-libsa minghand l-intimata, hija pprocediet bil-procedura odjerna.

Illi t-Tribunal jinnota li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz it-trapass taz-zmien minn meta giet intavolata l-procedura, ma huwiex gust u ekwu li l-libsa li attwalment tinsab ghand ir-rikorrenti tinghata lura lil intimata. Di più, jigi rilevat ulterjorment, li r-rikorrenti ghamlet uzu mill-libsa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' limitatament t-Talba mressqa mir-rikorrenti, b'dan li l-intimata ghandha thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €100 (mitt ewro), u l-libsa tinzamm mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mil-intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru